**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gheorghe Popa**

**Kumpilazzjoni numru 591/2016**

**Illum 12 ta' Dicembru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gheorghe Popa** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 129842 (A) billi huwa akkuzat talli fl-24 ta' Ottubru 2016 ghall-habta ta' 9pm u/jew hinijiet wara, gewwa r-residenza numru 45 Zebbug Zghir li tinsab Joann Garden Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Waqt li kien bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Yana Bland Mintoff minn Hal

Tarxien kontra l-volonta tagħha fejn ghamillha offiza fuq il-persuna taghha u/jew heddidha bil-mewt.

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' ferita gravi fuq Yana Bland Mintoff minn Hal Tarxien wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' ferita gravi fuq Daniel Mainwaring minn Hal Tarxien wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa, maghmula bi strument li jaqta jew iniggez fuq il-persuna ta' Daniel Mainwaring minn Hal-Tarxien u Yana Bland Mintoff minn Hal-Tarxien skond ma ccertifikawhom Dr.Ryan Camilleri Reg3672 u Dr.Chris Giordmania Reg3584 mill-isptar Mater Dei rispettivament.

5. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involantarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta (minbarra ħsara involontarja fil-propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

6. Ukoll talli f'dawn il-gzejjer garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

7. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi qabad arma [sikkina] u/jew oggetti ohra kontra Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring minn Hal Tarxien .

8. U aktar talli, fl-istess cirkostanzi u /jew zminijiet qabel hedded bil-fomm lill Yana Bland Mintoff minn Hal Tarxien jew persuni ohra b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni.

9. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u/jew xhur qabel f'dawn il-gzejjer bl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Yana Bland Mintoff, Daniel Mainwaring minn Ħal Tarxien jew xi persuni oħra b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghaliha.

10. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer u/jew xhur qabel ikkaguna biza' lil Yana Bland Mintoff u lil Daniel Mainwaring minn Ħal Tarxien jew xi persuni oħra li ser tintuza vjolenza kontriha/hom jew kontra l-proprjetà taghha/hom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

11. Ukoll talli fl-24 ta' Ottubru 2016, fl-istess cirkustanzi u hinijiet wara, waqt li kien f'dar numru 45 Zebbug Zghir li tinsab Joann Garden Hal Tarxien u /jew f'dawn il-gzejjer volontarjament ta nar lil dar, mahzen bini, gharix jew lok iehor filwaqt meta gewwa ma kien hemm ebda

persuna, jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad , u dan il-bini gharix jew lok iehor jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li seta' qabbad il-hruq lil bini iehor jew lok iehor fejn f'dak il-waqt kien hemm xi persuna.

12. Aktar talli nhar (sic!) fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara f'bini, u ghamara u/jew oggetti ohra f'residenza numru 45 Zebbug Zghir li tinsab f'Joann Garden Hal-Tarxien liema hsara teccedi 2500 ewro ghad-detriment ta' Yana Bland Mintoff u/jew ta' persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba biex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta'Yana Bland Mintoff, Daniel Mainwaring u/jew membri tal-familja taghhom u/jew xi persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Yana Bland Mintoff, Daniel Mainwaring u/jew membri tal-familja taghhom u/jew xi persuni ohra u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Lulju, 2017 (esebita a fol. 627 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) fil-konfronti tal-imputat taħt dak li hemm maħsub:

**(a)** Fl-artikoli 86, 87(1)(c) u 87(1)(h) b'referenza għall-artikolu 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(b)** Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(2) u 222(1)(a) b'referenza għall-artikolu 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(c)** Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(2) u 222(1)(a) b'referenza għall-artikolu 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(d)** Fl-artikoli 214, 221(1)(2) b'referenza għall-artikolu 217 u l-artikolu 222(1)(a) b'referenza għall-artikolu 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(e)** Fl-artikoli 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(f)** Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(g)** Fl-artikolu 249(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(h)** Fl-artikolu 251(A)(1)(2)(4) b'referenza għall-artikoli 222(1)(a) u 202(h)(v) u l-artikolu 251H(a)(b)(f)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(i)** Fl-artikolu 251B(1)(2) u l-artikolu 251H(a)(b)(f)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(j)** Fl-artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(k)** Fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(l)** Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**(m)** Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet is-sottomissjonijiet finali orali mill-Parte Civile.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mid-difiza.

**Il-fatti specie tal-kaz**

L-imputat Gheorghe Popa u l-*parte civile* Yana Bland Mintoff kellhom relazzjoni li kienet ghaddejja flimkien. Il-*parte civile* kienet waslet f'perjodu fejn riedet twaqqaf u ma tkomplix f'din ir-relazzjoni. L-imputat mill-banda l-ohra jidher illi kellu r-riservi tieghu dwar dan, fejn ma riedx jaccetta dan.

Fil-gurnata in kwistjoni meta l-*parte civile* marret lura lejn id-dar, bejnha u bejn l-imputat qam argument, argument li kien imsejjes dejjem fuq din il-kwistjoni relatata mal-fatt illi l-imputat ma kienx qieghed jaccetta jew jissuspetta hazin dwar ir-raguni vera ghaliex il-*parte civile* trid tittermina din ir-relazzjoni.

L-argument sahan b'tali mod bil-konsegwenzi li l-*parte civile* u binha Daniel Mainwaring soffrew griehi. Il-*parte civile* sfat agredita b'sikkina waqt li kienet niezla mit-tarag bil-bagalja tal-hwejjeg tal-imputat sabiex tghidlu halli jitlaq 'il barra.

Mill-provi forensici li ghandna jirrizulta li mbaghad l-imputat f'hin minnhom beda miexi l-fuq lejn il-bejt. F'xi waqt l-imputat ta n-nar lir-residenza. Mir-rapport tal-espert nominat in kwantu jirrigwardja l-kagun tal-hruq irrizulta li dan il-hruq kien wiehed volontarju. Mix-xhieda li ghandna quddiemna li gew ipprezentati huwa evidenti illi dan il-hruq seta' jsir biss mill-imputat peress illi l-imputat kien l-unika persuna li kien ghad fadal f'dik ir-residenza.

**Xhieda**

Il-Qorti zammet ghaxar (10) seduti fejn semghet tnejn u erbghin (42) xhud kif gej:

Spettur Spiridione Zammit *a fol.* 30 *et. Seq.*, Dr. Yana Bland Mintoff *a fol.* 66 *et. Seq.*, Elvira Zerafa *a fol.* 156 *et. Seq.*, Daniel Mainwaring *a fol.* 164 *et. Seq.*, Anna Marinovic *a fol.* 176 *et. Seq.*, Mark Napier *a fol.* 182 *et. Seq.*, Aaron Attard *a fol.* 190 *et. Seq.*, Dr. Mario Scerri *a fol.* 198 *et. Seq.*, Dr. Daniel Vella *a fol.* 245 *et. Seq.*, Perit Richard Aquilina *a fol.* 269 *et. Seq.*, Donald Tabone *a fol.* 302 *et. Seq.*, PC650 Justin Tabone *a fol.* 305 *et. Seq.*, PC1525 Patrick Farrugia *a fol.* 323 *et. Seq.*, Dr. Marisa Cassar *a fol.* 448 *et. Seq.*, PS 586 Mario Azzopardi *a fol.* 450 *et. Seq.*, PS 185 Roger Mifsud *a fol.* 470 *et. Seq.*, Jonathan Mizzi *a fol.* 487 *et. Seq.*, Dr. Onwasigwe Nzubechuku *a fol.* 505 *et. Seq.*, Dr. Ryan Camilleri *a fol.* 507 *et. Seq.*, Dr. Chris Giordmaina *a fol.* 509 *et. Seq.*, Dr. Rose Marie Spiteri *a fol.* 514 *et. Seq.*, Tim Willie *a fol.* 517 *et. Seq.*, Spettur Spiridione Zammit *a fol.* 522 *et. Seq.*, PS15 Cyril Butters *a fol.* 526 *et. Seq.*, PC861 Clayton Sciberras *a fol.* 538 *et. Seq.*, PS518 Anthony DeGiovanni *a fol.* 541 *et. Seq.*, Spettur Keith

Arnaud *a fol.* 554 *et. Seq.*, Anthony Pisani *a fol.* 562 *et. Seq.*, Saviour Cassar *a fol.* 568 *et. Seq.*, Mario Muscat *a fol.* 573 *et. Seq.*, Patrick Baldacchino *a fol.* 575 *et. Seq.*, Alex Scicluna *a fol.* 580 *et. Seq.*, Dr. Anton Grech *a fol.* 585 *et. Seq.*, Dr. Michael Spiteri *a fol.* 591 *et. Seq.*, Elvira Zerafa *a fol.* 632 *et. Seq.*, Spettur Spiridione Zammit *a fol.* 634 *et. Seq.*, Dr. Yana Mintoff Bland *a fol.* 652 *et. Seq.*, Daniel Mainwaring *a fol.* 658 *et. Seq.*, PS 518 Anthony DeGiovanni *a fol.* 664 *et. Seq.*, PS586 Mario Azzopardi *a fol.* 666 *et. Seq.*, Dr. Mario Scerri *a fol.* 675 *et. Seq.*, Dr. Marisa Cassar *a fol.* 680 *et. Seq.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

**Rapporti rresponsabbli bil-pregudizzju**

Il-Qorti tal-Magistrati ghandha kaz quddiemha li tittrattah bhal kull kaz iehor bhalu li jkun assenjat lilha. Min jigi akkuzat ghandu dritt illi jiddefendi ruhu - kollox kif tistabbilixxi l-ligi ghal kulhadd.

Hawnhekk ghandna kaz ta' persuna li kien f'relazzjoni ma' bint ta' persuna li nfluwenza l-istorja politika u socjali ta' pajjizna ghal kwazi seklu shih u allura jigbed aktar interess. Mhux ghax l-akkuzi migjuba kontrih huwa rarita' fil-Qrati taghna.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar in-nuqqas ta' sensittivita' li ntweriet lejn il-kwerelanti vittmi fil-kaz. Il-Qorti tfakkar li l-gurnalisti u l-bloggers barra drittijiet ghandhom ukoll dmirijiet.

F'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu li jiddeciedu l-kawzi fi Triq ir-Repubblika, fuq iz-zuntier ta' xi knisja jew fil-hwienet tal-merca, fuq Facebook, f'xi portal jew blog.

Jew inkella gustizzja *a' la carte* li l-operat ta' dawn il-qrati jkun dettat minn xi hadd estranju. Filwaqt li l-Parlament jillegisla u dawn il-Qrati jiddeciedu fuq dik il-legislazzjoni, huma dawn il-Qrati li jkollhom il-process quddiemhom bil-provi migbura li jridu jiddeciedu l-kawzi assenjati lilhom.

Fuq dan il-kaz kien hemm xi rapporti u blogs mibnija fuq il-fantasija u mhux fuq il-provi li ngabu fil-Qorti. Sahansitra kien hemm rapport dwar is-sikkina wzata fil-kaz fejn intqal li ma nstabitx meta din kienet esebita fl-atti tal-kawza u aktar 'il quddiem din il-Qorti se tordna d-distruzzjoni taghha.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-President tal-Qorti Suprema Lord Neuberger ricentament[1]:

> "*One has to be careful about being critical of the press, particularly as a lawyer or judge, because our view of life is very different from that of the media.*
>
> "*The rule of law together with democracy is one of the two pillars on which our society is based.*

[1] 16 ta' Frar 2016 kif irrapurtat mill-*Media Lawyer Bullettin* tal-istess gurnata

*"And therefore if, without good reason, the media or anyone else undermines the judiciary, that risks undermining our society.*

*"The press and the media generally have a positive duty to keep an eye on things. But I think with that power comes the degree of responsibility.*

*"In practice, I do not think that our political views influence our decisions in any way. I think intruding into somebody's political views, religious views, social views, is not actually going to help and will end up, I fear, politicising the judiciary in a way which mercifully hasn't happened at all in this country."*

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe**[2] li:

*"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Lord Justice Stephenson fil-kaz **Lion Laboratories v Evans**[3] fisser l-interess tal-pubbliku li jkun infurmat:

[2] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149

*"1. There is a wide difference between what is interesting to the public and what it is in the public interest to make known.*

*2. The media have a private interest of their own in publishing what appeals to the public and may increase the circulation or the numbers of their viewers or listeners and as a result they are 'particularly vulnerable to the error of confusing the public interest with their own interest."*[4]

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt.*

[3] Lion Laboratories v Evans [1984] 2 AII E.R. 417

[4] Ibid. at p.423

*Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility*

*in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

***Presumption of facts* u provi cirkostanzjali**

Il-Qorti qabel tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet thoss li ghandha taghmel espozizzjoni dwar il-*presumption of facts* u l-provi cirkostanzjali.

Fi kliem Sir Rupert Cross,

> *Presumptions of fact (*praesumptiones hominis*) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[5]

Bhala ezempju ta' prova indizzjarja li minnha wiehed jista' jigbed konkluzzjoni partikolari, l-istess awtur jaghti l-ezempju tad-drawwa (*habit*):

> *The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[6]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

---

[5] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imhallef Vicent Degaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deciz 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

[6] ibid. p. 40.

These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.

For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.

In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: *Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy* [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: *Watson* [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in *Miell* [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. In *C*[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to *Watson*, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not

guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In *Clift* [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in *R. v. O'Leary* [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para.19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".

In *Zawadzka* [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.

Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ <u>10-11</u> and <u>10-12</u>, *ante*, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:

"… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."

It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or speculative" has been adduced to raise the issue: *Ciccarelli*[2011] EWCA Crim. 266.[7]

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

[7] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018 Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jason Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**,

> "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** jghid:

> "*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim.*

*2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[8]

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[9].

[8] Ibid. Pg. 533 para 8-119

[9] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti migjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

Il-Qorti hija rinfaccjata bil-versjoni li taw il-*parte civile* u bis-sottomissjonijiet tad-difiza li m'humiex prova izda interpretazzjoni tal-provi u x'jista' allega l-imputat mal-avukat tieghu, liema verzjoni tal-imputat ma nstemghetx ghaliex l-imputat ghazel kif kellu dritt li ma jaghtix ix-xiehda tieghu f'dawn il-proceduri.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**Is-sekwestru artikoli 86, 87(1)(C) u 87(1)(h) tal-Kap 9**

L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna: "… *kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-Awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata* …".

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law (1953edit – Para. II, Pg 40)] meta jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :

> ***"the words "arrest", "detention" and "confident" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato proveduto nell' articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcune si formi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suq malgrade in quell luogo ove si trova; si quando Finalment si trasporti da un luogo ad un altro" (Roberti –***

***ibid. para. 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested"***

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kapulavur guridika dwar is-sekwestru fil-Kodici Kriminali taghna fl-espozizzjoni li ghamel il-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Seykou Ballde** deciza fil-11 ta' Lulju 2016.

> Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tliet ipoteżi differenti u ċjoe dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilie li kien jippreskrivi s-segwenti : -
>
> > Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[10]
>
> Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-**Carmingnani** kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtorita leġittima.[11]

[10] Il Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.
[11] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'Ultima di Malta, Napoli, 1854, page 248-249.

Il-**Carmignani** kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' ***carcere privato*** – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) *carcere privato per equipollenza*. Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' *carcere privato* kien ristrett għall-ipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta' persuna.

E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).

**Francesco Sav. Arabia**[12] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li :-

*Arresta* chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: *detiene* chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: *sequestra* chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo.

Skont l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal meta tiġi mhedda biss il-liberta' naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta' ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata – kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

[12] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' *carcere privato* billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija *sequestro.* Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-*carcere privato.* Maż-żmien din it-tifsira tal-*carcere privato* evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal residenza jew ambjent magħluq.

Skont ir-**Roberti**[13] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta' personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. **Roberti** jgħid :

> La legge adopera l'espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona.* Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta' della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di *carcere privato* non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado **o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova;** sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.[14]

[13] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[14] Enfasi miżjuda.

**Ferrarotti**, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[15] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar 'il fuq imsemmi jistqarr :

> Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta' individuale; non e' necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-*Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale*, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[16] jgħid : -

> Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale*, e la sua *moralita'*. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto*, la *detenzione*, il *sequestro.* Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua

[15] Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294.
[16] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

> detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione....D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta... Quanto poi alla *moralita'*, ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

Dan l-element tal-*moralita'* huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-**Carmignani** li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtorita' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

Bħal **Ferrarotti,** ir-**Roberti** jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru illegali; u li l-att innifsu magħmul bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat. Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' *vie di fatto* (simili għar-reat ta' *ragion fattasi*).

Biss ir-**Roberti** jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' *carcere privato* bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett

attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna jkun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali. Huwa jtenni li dan setgħa jiġi inferit mill-fatt li l-Leġislatur Borboniku qiegħed ir-reat ta' *carcere privato* immedjatament wara r-reat ta' *vie di fatto*. U dan huwa eżattament dak li għamel il-Leġislatur Malti li kkolloka r-reat tal-arrest illegali immedjatament wara r-reat ta' *ragion fattasi*!

In segwitu ta' dak li ntqal fis-sentenza kwotata u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan peress li din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

**<u>It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni</u>**

**Offizi fuq il-persuna – artikoli 214, 218(1)(a)(2), 221(1)(2), 222(1)(a) b'referenza ghal artikolu 202(h)(v) tal-Kap 9**

Illi d-dispozizzjonijet relevanti (fil-Kodici Kriminali) dwar klassifikazzjoni tal-offizi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*

*(a) jekk tista' ġġib periklu*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*......*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

*.......*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi l-artikolu 216 fuq kwotat jirreferi ghall-offiza hekk imsejha "gravi" u l-artikolu 218 ghall-offiza "gravissima".

Illi pero' l-imputat mhux qed jigi addebitat b'offiza gravi fit-termini tal-artikolu 216 imma b'attentat ta' offiza gravissima fit-termini tal-artikolu 218.

Illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li:

*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*[17]

Illi fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lil Yana Bland Mintoff u lil binha Daniel Mainwaring; kien propju ghalhekk li uza s-sikkina fil-konfront taghhom.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi

[17] Ref **Pulizija vs Emanuel Zammit** Appell Kriminali deciz 30.03.1998.

zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

*The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible*[18].

Illi pero' l-Professur Mamo jkompli hekk:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[19].

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha wkoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika vs Domenic Briffa**[20]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) jghid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale*

[18] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.
[19] Ref op cit pagna 227.
[20] Deciza fis-16.10.2003.

*tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l- intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[21]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl- ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok.*

Illi permezz ta' tieni u t-tielet paragrafu tan-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputat qed jigi addebietat b'tentattiv ta'offiza gravissima kif deskritta fis-subartikoli 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offiza li *tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh.*

Illi ghalhekk, u tenut kont ta' dak li tipprovdi d-dottrina u l-gurisprudenza dwar r-reat in ezami dak li jrid jigi pruvat huwa li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti ta'l-ghamla tal-gisem jew mard permanenti tal-mohh u dan fuq il-persuna ta' Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring.

---

[21] Enfazi ta' din il-Qorti.

Skont gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996[22] fejn gie ritenut:

[22] Per Onor. Vincent De Gaetano

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f'wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l-incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l-Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li*

*għall-finijiet tal-offiża gravi ma jagħmel l-ebda referenza għall-isfreġju jew deformazzjoni la tal-wiċċ u lanqas tal-partijiet oħra tal-ġisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-ħmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb**".*

Artikoli 221(1)(2) u 222(1)(a) b'referenza għall-Artikolu 202(h)(v) tal-Kap 9 ikkwotati fin-nota tal-Avukat Ġenerali jipprovdu:

***221.** (1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.*

*(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl- artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien minn xahrejn sa sena.*

***222.** (1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, **jiżdiedu bi grad** meta l-offiża ssir -*

*(a) fuq il-persuna tal-missier, tal-omm jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna tar-raġel jew tal-mara, jew fuq il-persuna tal-missier jew tal-omm naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h).*

Artikolu 202(h)(v) jipprovdi kif gej:

> **202.** *Il-piena stabbilita għad-delitti msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, tiżdied bi grad sa żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
>
> *(h) meta d-delitt isir fuq il-persuna ta*
>
> *(v)* ***<u>xi persuna oħra li tkun qegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet qegħda tgħix mal-ħati matul perjodu ta' sena qabel ir-reat ...</u>***

Ix-xhud **<u>Dr. Ryan Camilleri[23]</u>** xehed li fil-25 ta' Ottubru ra lil Daniel Mainwaring. Kienu ghamlulu X-ray ukoll imma ma kienx jidher li kien hemm involut l-ghadam. Li kien jidher li kien hemm *stab wound* li kienet ftit fonda mhux hazin. U ghal din ir-raguni kellhom izommuh ftit ghal aktar osservazzjoni ghax riedu jesplorawha.

Ix-xhud **<u>Dr. Chris Giordmaina[24]</u>** xehed li fil-25 ta' Ottubru 2016 fil-hdax neqsin kwart ta' filghaxija (10:45pm) ezamina lil Dr. Yana Mintoff Bland u sab li kellha *stab wound to anterior left chest with no evidence of penetration into the chest cavity*. Kellha wkoll *incised wound over distil left forearm*. Huwa dawn il-griehi ccertifikhom *slight save complications*. Ix-xhud xehed ukoll li fil-25 ta' Ottubru 2016 fis-siegha u hamsa ta' filghodu (1:05 a.m.) ezamina lil Gheorghe Popa. Sablu erba' (4) *stab wounds to abdomen*, tlieta (3) *above umbilicus in midline and one* (1) *to the left of the umbilicus*. Il-pazjent sabu wkoll *shocked*, jigifieri pressjoni *blood pressure* baxxa hafna li

[23] Seduta tal-4 ta' Mejju 2017
[24] Ibid.

din kienet tindika ammont sostanzjali ta' *blood loss*. Huwa ccertifikah *grievous in danger of loss of life*.

L-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri fir-rapport tieghu prezentat fl-atti[25] jiddeskrivi dak li sab fuq il-parte civile Yana Mintoff Bland:

*Illi l-lezjoni deskritta fuq is-sider ta' Yana Mintoff Bland kienet friska, kienet iktar wiesa' milli fonda u ghalhekk klassifikata bhala incizjoni maghmula minn strument li jaqta' min-naha wahda u bil-ponta (one cutting edge). Din il-lezjoni hija ta' natura hafifa ghar-ragunijiet li ma ppenetratx il-kavita' toracika;*

*Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett laterali tat-tarf f'isfel (distal one third) tal-id ix-xellugija ta' Yana Mintoff Bland kienet incizjoni maghmula minn strument li jaqta;*

*Illi t-tbengila deskritta fuq l-aspett laterali tad-driegh tax-xellug kien kompatibbli ma' blunt trauma;*

*Illi dawn il-lezjonijiet huma kollha ta' natura hafifa.*

Dwar il-griehi li sab fuq il-*parte civile* Daniel Mainwaring l-espert Dr. Mario Scerri sab:

*Illi l-lezjonijiet deskritti fuq ir-rigel tax-xellug ta' Daniel Mainwaring kienu iktar wesghin milli fondi u ghalhekk klassifikati bhala incizjonijiet u kienu maghmulin minn strument bil-ponta u li jaqta' min-naha wahda;*

[25] A fol.203

*Illi dawn il-lezjonijiet huma wkoll ta' natura hafifa;*

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u anke waqt is-smigh tal-provi qajjmet mistoqsijiet dwar il-fatt li l-pulizija waqt l-istharrig taghhom imxew fuq il-linja li l-feriti li kellu l-imputat kienu *self inflicted* u dan anke qabel l-espert mediku forensiku xehed f'dawn il-proceduri u pprezenta r-rapport tieghu.

L-Ispettur **Spiridione Zammit**[26] iwiegeb dwar dan:

> ***Difiza:*** *Issa f'wahda mill-mistoqsijiet li inti ghamilt fl-istqarrija tieghu a fol 15 qisu lejn nofs, three quarters tal-pagna tghid from investigations we made we have the indication that these injuries are self inflicted that is with a knive, what do you say? Tista' tispecifika fejn irrizultalkom li dawn il-feriti kienu self inflicted?*
>
> ***Xhud:*** *Ok. Mela jiena kont tlabt request lill-Qorti biex jien nista' nikkomunika ma l-espert tal-Qorti. Dak id-digriet kien inghata biex jien inkun nista nikkomunika ma Dr. Mario Scerri biex jghidli l-injuries kienux self inflicted jew le u rrizulta prima face l-ewwel. L-indikazzjonijiet kienu li huma self inflicted u qalli ghaliex kienu grouped u tani spjegazzjoni u jien minn hemm hekk tlaqt ghall-investigazzjoni tieghi.*
>
> ***Difiza:*** *Jekk tista tara fol 203. Jekk nghidlek li fil-fatt Dr. Mario Scerri l-kliem tieghu specifiku, specjalment fir-rapport tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru kien : Il-karestarittici ta' dawn il-lezjonijiet tas-sur Popa jistghu jindikaw illi dawn huma self inflicted u mhux li huma fil-fatt necessarjament self inflicted?*

[26] Seduta ta' 27 ta' Lulju 2017

*__Xhud:__ Ok ha nispjegalek ghalfejn. Jiena meta Popa kien l-isptar ippruvajt inkellmu tliet (3) darbiet, pero' jiena qatt ma kellimtu fuq il-kaz per se. Pero' ma Dr. Mario Scerri dejjem qal ma jitkellimx, ma tax spjegazzjoni. Meta kellimtu lil Dr. Mario Scerri iva kienu jindikaw u niftakar li kienu grouped, kien hemm xi erba' (4) stab wounds jew tlieta (3), m' iniex cert hdejn xulxin u grouped. U hemm hekk jiena l-indikazzjoni cari kienu wahda minhabba l-fatt li bniedem daqqiet ta' sikkina f'zaqqu kapaci jghidilna isma jekk qala xi daqqa ta' sikkina minn ghand xi hadd, pero' dan ma tax spjegazzjoni iktar w iktar meta Dr. Mario Scerri li huma self inflicted. Barra minn hekk kelli nformazzjoni ta' min jorbot fuqha li kien hemm indikazzjonijiet qabel li pprova jaghmel, kellu suicidal wishes ukoll.*

Il-Qorti waqt is-seduta spjegat li hija prassi li l-investigaturi dwar reat ta' certu entita' u li dwaru tkun ghaddejja inkjesta magisterjali jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti biex huma jkollhom komunikazzjoni mal-esperti mahtura. Kif jirrizulta mill-atti l-Ufficcjal Prosekutur, sa dak il-hin l-Ufficcjal Investigatur fil-31 ta' Ottubur 2016[27] talab lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Marse-Ann Farrugia biex jinghatalu l-"*permess jikkomunika mal-espert mediku legali jew xi esperti ohra biex ikun jista' jkompli l-investigazzjoni tieghu*." Liema talba ntlaqghet.

L-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri fir-rapport tieghu li saret referenza ghalih aktar 'il fuq jghid:

[27] A fol 117

*Illi l-lezjonijiet deskritti fuq iz-zaqq ta' Georghe Popa kienu wkoll maghmulin minn strument bil-ponta u li jaqta' min-naha wahda (one sharp cutting edge);*

*Illi fuq l-aspett anterjuri tar-right upper quadrant taz-zaqq kien hemm zewg abrazjonijiet tawwalin bi dritt xulxin u iktar fuq in-naha tax-xellug kien hemm erba' lezjonijiet li kienu kkoncentrati bi dritt xulxin u fondi;*

*Illi l-karatteristici ta' dawn il-lezjonijiet jistghu jindikaw illi dawn kienu self-inflicted injuries;*

*Illi Gheorge Popa gie operat fejn instab illi kellu perforazzjonijiet tal-imsaren iz-zghar, gie sottomess ghal small bowel resection u end to end anastomosis u ftit wara l-operazzjoni dan rega' ddahhal fis-sala operatorja ghar-raguni li nstab illi kellu intra-abdominal bleeding;*

*Illi l-kundizzjoni tieghu baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment dan gie ezaminat mill-psikjatra u rilaxxat mill-isptar Mater Dei.*

L-Ispecjalista **Dr. Anton Grech** jispjega dwar c-certifikat li huwa hareg dwar l-imputat:

***P. Civile:*** *Fil-verita ara jekk hux qieghed nghid tajjeb illi c-certifikat li inti nghatajt kien effettivament certifikat li huwa fit for interrogation propja minn Dr. Anton Grech mill-isptar Monte Carmeli u dan kien inghata lilek fid-disgha (9) ta' Novembru two thousand and sixteen (2016).*

***Xhud:*** *Ezatt on date of release mill-isptar.*

Il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni rnexxielha_mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri li l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

L-Artikoli li hemm ipprospettati ghar-raba' imputazzjoni huma fil-fatt Artikoli illi jgibu maghhom il-konkors formali tar-reati huma milqutin bl-Artiklu 17 (h).

**<u>Il-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni</u>**

**Arma uzata – artikoli 55(a), 56 u 57 u artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480**

Hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li l-arma in kwistjoni hija **sikkina tal-kċina**.

Il-kwistjoni ewlenija hija jekk 'sikkina tal-kċina' hijiex arma regolari.
Issir referenza għall-artikolu 64 tal-Kap 9 li jgħid dan li ġej:

> *"64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.*
>
> *(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.'*

Minn eżami ta' dan l-artikolu il-kelma 'sikkina' ma tistax titqies bħala arma regolari għaliex is-sikkina mhix arma tan-nar u lanqas ma hija strument li l-għan ewlieni tagħha hu d-difiża jew għall-offiża ta'

ħaddieħor. L-għan ewlieni tagħha huwa li tqatta' l-laħam, il-basal, u l-patata.

Ġaladarba l-Avukat Ġenerali fl-artikoli irrefera għal xi arma regolari, jinħtieġ li jkun eżaminat l-artikolu 55 tal-Kap 480 biex ikun stabbilit jekk is-sikkina tal-kċina allegatament użata taqax taħt dan l-artikolu. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*"'Pussess ta' armi*

*tan-nar waqt l-għemil*

*ta' xi reat.*

*Kap. 9.*

*"55. Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta'* ***armi tan-nar****, kull min -*

*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta); jew*

*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi* ***arma regolari jew munizzjon*** *jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx*

*prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.'*

L-istess Kap 480 jiddefinixxi arma tan-nar kif ġej:

*"'arma tan-nar' tinkludi arma tan-nar tkun ta' liema għamla tkun u kull tip ieħor ta' pistola, azzarin jew kanun li minnha jista' jiġi sparat xi tir, balla jew missili, u l-kanna, il-kulatta u receiver tagħhom;*

*"'arma tan-nar awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga awtomatikament kull darba li jiġi sparat skartoċċ jew balla u li tista' tispara aktar minn tir wieħed meta l-grillu jinġibed darba waħda biss;*

*"'arma tan-nar b'ripetitur' tfisser arma tan-nar li wara li jkun sparat tir minnha tkun hekk iddisinjata biex terġa' tikkarga minn magazzin jew ċilindru billi ssir azzjoni kaġunata minn ċaqliq ta' l-id;*

*"'arma tan-nar li ma tiffunzjonax' tfisser arma tan-nar li tkun intgħamlet permanentement mhux tajba biex tintuża u li tkun ġiet ċertifikata bħala tali mill-Kummissarju kif stipulat f'dan l-Att;*

*"'arma tan-nar qasira' tfisser arma tan-nar b'kanna li ma tkunx aktar minn tletin ċentimetru twila jew li jkollha tul li b'kollox ma jgibx aktar minn sittin ċentimetru;*

*"'arma tan-nar semi-awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga awtomatikament kull meta jispara tir u li tista' tispara biss tir wieħed meta jinġibed il-grillu għal darba;*

*"'arma tan-nar ta' sparatura waħda' tfisser arma tan-nar li ma jkollhiex magazzin u li tiġi kkargata qabel kull sparatura billi jiġi*

*ikkargat bl-idejn skartoċċ jew balla fir-rukkell jew mill-kulatta fuq wara tal-kanna;*

*"'arma tan-nar twila' tfisser arma tan-nar li jkollha kanna twila aktar minn tletin ċentimetru jew li jkollha tul li b'kollox ma jġibx aktar minn sittin ċentimetru;*

Kap. 9.

"**'armi regolari' għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu**".

Kif jidher mill-artikolu 55 tal-Kap 480, dan jitkellem speċifikatament dwar l-armi tan-nar jew armi regolari jew munizzjoni. '**Is-sikkina tal-kċina**' la hija arma tan-nar, la munizzjon u lanqas arma regolari ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 9.

Fil-fatt il-Kap 480 huwa prattikament iddedikat għall-armi tan-nar għaliex din l-espressjoni tinsab imxerrda prattikament mal-Att kollu.

L-Att jirreferi għas-skieken fl-artikoli 6 u 7 kif jidher mir-referenza segwenti:

*"Liċenzja għall-ġarr ta' skieken.*

*6. Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.'"*

*Eżenzjonijiet għall-artikolu 7.*

*"7. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:*

*(a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;*

*(b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.'*

Minn dak li ntqal aktar 'il fuq, ġaladarba s-sikkina la hija arma tan-nar, la arma regolari u lanqas munizzjon, artikoli 55(a)(b) tal-Kap 480 ma japplikawx.

Li jista' japplika biss huwa xi dispożizzjoni li għandha x'taqsam mal-ġarr tas-skieken u mal-eċċezzjonijiet hemmhekk ikkontemplati.

In segwitu ta' dak li ntqal u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigi misjub hati tal-hames u s-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan peress li dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx. Se tinstab htija ghas-seba' imputazzjoni ghax tirrizulta.

**<u>It-tmien imputazzjoni</u>**

**Theddid - artikolu 249(1)(2)(3) tal-Kap 9**

Illi lill-imputat qed jigi addebitat ukoll ir-reat tat-theddid b'ordni jew kundizzjoni a tenur tal-artikolu 249(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Artikolu 249 jipprovdi:

> ***249.*** *(1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur:*
>
> *Iżda jekk it-theddida tkun dwar l-użu ta' materjal nukleari sabiex tiġi kkaġunata l-mewt ta' jew offiża gravi fuq xi persuna jew ħsara kbira fil-proprjetà jew tkun dwar li jsir reat ta' serq ta' materjal nukleari sabiex xi persuna naturali jew legali, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jiġi mġiegħel jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, il-piena għar-reat għandha tiżdied bi tliet gradi; il-frażi "materjal nukleari" għandha jkollha l-istess tifsira li ngħatat fl-artikolu 314B(4).*
>
> *(2) Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) biż-żieda tal-multa.*
>
> *(3) Barra minn dan il-qorti tordna li l-ħati jġib il-pleġġerija jew jagħti l-obbligazzjoni msemmija fl-artikoli 383, 384 u 385.*

Illi ghalkemm ma hemmx dubju illi l-imputat spicca f'nofs argument b'konsegwenza tal-fatt illi huwa kien ikkaguna feriti fuq il-*parte civile* Yana Mintoff Bland u binha Daniel Mainwaring, ma jirrizultax li kien hemm theddid bil-kitba jew mod iehor biex ikun hemm l-elementi mehtiega mil-ligi biex tinstab htija fuq dan l-artikolu indikat fin-nota tal-Avukat Generali.

**<u>Id-disa' u l-ghaxar imputazzjoni</u>**

**<u>Fastidju</u>**

**<u>Artikoli 251(A)(1)(2)(4), 251B(1)(2) u 251H(a)(b)(f)(g) tal-Kap 9</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Raymond Parnis**[28] deciza fit-18 ta' Gunju, 2009 fejn kien spjegat dan ir-reat fil-ligi Maltija:

> Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz *"harassment"*) gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.
>
> L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht it-tieni imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli

[28] Appell Nru. 97/09 deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono

tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) (c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' : (*"alarming")* jew idejjaq: (*"causing ..distress")* lill-persuna. Minn din l-akkuza l-appellant gie liberat.

Imbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni li l-appellant instab hati tieghu. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza (*"whose course of conduct is in question"*), imissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f'xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni. Jigifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-*reasonable man*. Hemm ukoll f'dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba

addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghall-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. (*"alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *"harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati u delikati.

F'sistemi legali barranin gie stabbilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz *"stalking"*. Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew *"patterns of behaviour".* Jezistu per ezempju kazijiet ta' ***"rejected stalkers"*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghal-*"rejection"* mill-vittma taghhom. Hemm kazijiet ta' *"resentful stalkers"* li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu

jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Jidher li l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu taht dawn it-tipi ta' fastidju.

Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u mpoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez"** [21.6.2007**]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila"** [12.2.2009] u ohrajn)

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini"** [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz *"Harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi kunsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Ghal dak li jirrigwarda d-disa' (9) u l-ghaxar (10) imputazzjoni, dan huwa r-reat ta' fastidju kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali.

Il-prosekuzzjoni kienet taf li mill-provi li kellha ma kienx se jirnexxielha tipprova r-reat kontemplat taht l-Art 251B(1), izda kif gara fi drabi ohra l-imputat jinghata din l-imputazzjoni biex iwiegeb ghal dan ir-reat meta jkun car li ma tistax tinstab htija dwaru.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed**[29] deciz fis-16 ta' Dicembru 2016 fejn rega' gie affermat li biex jirrizulta r-reat taht l-artikolu 251B(1) irid ikun hemm tal-anqas zewg okkazzjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju:

*Din il-Qorti ilha sa mill-ewwel sentenzi tagħha dwar ir-reat ta' fastidju taħt l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li stabbiliet inekwivokabilment li inċident wieħed ma jammontax għal course of conduct skont dak l-artikolu. Inoltre, minkejja dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha* ***P v Brian Micallef****, <u>il-leġislatur anki sa llum baqa' passiv u ma interveniex</u>*[30] *u għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, din il-Qorti tirriafferma dak konsistentement ritenut minn din il-Qorti dwar ir-reat imsemmi ta'*

[29] Appell Nru: 145/2016
[30] Il-fatt li ghaddew sitt snin mid-dikjarazzjoni li ghamel il-President tal-Qrati u baqa' kollox l-istess huwa ta' thassib u wasal iz-zmien li jsiru l-emendi necessarji.

*fastidju li l-imġieba li għaliha jagħmel riferenza l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali għandha tikkonsisti f'mhux inqas minn żewġ okkażżjonijiet.* (enfasi ta' din il-Qorti)

*Huwa minnu li fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **P v Mirko Giannetti** (21/2/2012), **P v Massimo Tivisini** (27/2/2009) u **P v Alan Caruana Carabez** (21/6/2007) jingħad li "r-reat ta' fastidju jrid neċessarjament jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli" iżda tenut kont li r-rekwiżit ta' tal-anqas żewġ okkażżjonijiet ta' aġir li jikkaġuna lis-suġġett passiv tar-reat "jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd ..." huwa parti integrali mill-element materjali tar-reat in kwistjoni dawn l-okkażjonijiet iridu jirriżultaw fil-grad li trid il-liġi ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u mhux sufficjenti li jkun hemm biss indikazzjoni vaga jew nebuluża tagħhom.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Ottubru, 2011 **Il-Pulizija v. Brian Micallef**[31] spjegat li**:**

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Raymond Parnis** tal-24 ta' April 2009 … gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- *Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta.

[31] Appell Nru: 442/2010

Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li l-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-omissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-omissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament taghti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn zewg okkazzjonijiet.

Minn dak li ntqal u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigi misjub hati tad-disa' u l-

ghaxar imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan peress li dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

## Il-hdax-il imputazzjoni

**Volontarjament jaghti n-nar - artikolu 317(b) tal-Kap 9**

Skont in-Nota tal-Avukat Generali qieghed jibbaza l-hdax-il imputazzjoni (11) fuq artikolu 317(b) tal-Kap 9.

Artikolu 317 jipprovdi:

> ***317.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il- bini, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(a) jekk il-ħruq iqabbad band'oħra, il-piena ta' priġunerija għal għomru:*
>
> *Iżda jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -*
>
> *(i) jekk hu seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin;*
>
> *(ii) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin;*

***(b) jekk il-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa ħames snin***. (enfazi tal-Qorti)

Artikolu 318 jghid:

> ***318.*** *Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni *"illi f'dan il-kaz ma hemm ebda prova diretta dwar kif l-post ha n-nar u jekk in-nar sarx volontarjament jew inkellha ha n-nar ghax il-fond gie abbandunat wahda wara l-glieda u kullhadd telaq. Ma hemm prova dwar minn min sar in-nar. Jidher li l-prosekuzzjoni qed taghmel l-inferenza li l-akkuzat kien l-ahhar li telaq mill-post u konsegwentement ma setghax ma kienx hu. Din il-prova mhux bizzejjed fil-kamp penali; ta' x'aktarx iva milli le, li kien l-esponent. Ma hemmx prova li l-imputat kien l-ahhar li halla l-post. Kieku kien l-imputat li tah in-nar fil-kamra t'isfel, fejn l-espert indika li n-nar seta beda, kieku l-esponent kien jaqbad u johrog barra mil-bieb ta' barra u mhux, ferut kif kien, jibqa gewwa, u minflok jitlaq fuq u di piu jaqbez fuq sigra meta seta hareg liberament mill-bieb ta' barra."*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza  tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono l-**Pulizija vs Valentine Sciberras** deciza fil-11 ta' Jannar 2007 li trattat dwar hruq b'mod volontarju:

*Illi l-appellant pero' jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta' dan iccita s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Desira "** [13.5.1999]*

*Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f'kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista' tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).*

*L-abbli difensur Dr. Joseph Giglio pero' rribatta li se mai mhux l-artikolu 317 imma l-artikolu 318 hu applikabbli, imma f'kull kaz dan mhux reat kompriz u nvolut fl-artikolu 316.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi is-sentenza ta' **Joseph Desira** citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina.  B'dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun*

*gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe' s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar, ma rrizulta li kien hemm hadd iehor hlief l-appellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f'kull probbabilta', x'aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.*

*Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda kompriza w involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia "**kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316"** (ergo bastiment ukoll), pero' b'konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta' dar-reat, il-piena hija wahda inqas minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament "reat izghar" li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fit-termini tal-art.467 (4).*

*Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta' natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx għall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab ħtija ta' reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minflok dak addebitat lill-appellant taħt l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f' din is-sentenza.*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-gurisprudenza barranija fejn trattat dan is-suggett:

Lord Bingham of Cornhill qal*: 'in any statutory definition of a crime, 'malice' must, as we have already seen, be taken – not in its vague common law sense as 'wickedness' in general, but – as requiring an actual intention to do the particular kind of harm that in fact was done . . For it is essential to arson that the incendiary either should have intended the building to take fire, or, at least, should have recognised the probability of its taking fire and have been reckless as to whether or not it did so.'*[32]

*'Again, if you think that the prisoner set fire to the frame of the picture with a knowledge that in all probability the house itself would thereby be set on fire, and that he was reckless and utterly indifferent whether the house caught fire or not, that is abundant evidence from which you may, if you think fit, draw the inference that he intended the probable consequences of his act, and if you draw that inference, then, inasmuch*

[32] REGINA V G AND R: HL 16 OCT 2003

*as the house was in fact set on fire through the medium of the picture frame, the prisoner's crime would be that of arson.'*[33]

Lord Diplok qal*: 'I see no rational ground for excluding from conduct capable of giving rise to criminal liability, conduct which consists of failing to take measures that lie within one's power to counteract a danger that one has oneself created, if at the time of such conduct one's state of mind is such as constitutes a necessary ingredient of the offence. I venture to think that the habit of lawyers to talk of actus reus, suggestive as it is of action rather than inaction, is responsible for any erroneous notion that failures to act cannot give rise to criminal liability in English Law.'*[34]

Mill-provi li fliet din il-Qorti jirrizulta li meta ha n-nar ma kien hemm hadd mir-residenti billi dawn kienu telqu mill-post sabiex imorru c-Centru tas-Sahha.

L-Ispettur **Spiridione Zammit** jikkonferma li l-*parte civile* saru jafu bil-hruq waqt li kienu qeghdin jinghataw il-kura:

***P. Civile:*** *Huma qalulek ukoll illi f'xi mument meta kienu l-Poliklinika tawk ghalfejn tifhem jew tahseb illi huma kienu taw in- nar lid-dar taghhom?*

***Xhud:*** *No anqas xejn, anzi tghidx kemm inkwetaw meta saru jafu li qed taqbad id-dar.*

---

33 REGINA V HARRIS: 18 (1882) 15 COX CC 75
34 REGINA V MILLER: HL 17 MAR 1982

**P. Civile:** *Jigifieri l-ewwel darba li ndunaw illi qed qabdet id-dar kien meta inti nfurmajthom wara li mort fuq il-post illi d-dar qieghda taqbad, qed nghid sew?*

**Xhud:** *Hekk hu.*

**P. Civile:** *Kien hemm xi raguni jew irrizultalek x'imkien fl-investigazzjoni tieghek illi l-parte civile jew it-tifel taghha kellha raguni biex teqred nofs id-dar taghha bin-nar?*

**Xhud:** *No, le.*

Izda meta wiehed juza t-taghlim li siltet din il-Qorti fil-parti li trattat il-"**Presumption of facts u provi cirkostanzjali"** ma jibqax dubju li kien l-imputat li ta n-nar lill-post u ghalhekk se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-tnax -il imputazzjoni</u>**

**Hsara volontarja – artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9**

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-*

*gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Dwar din l-imputazzjoni jqumu argumenti ta' natura legali dwar danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. Ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t'incendju mqabbad mill-imputat, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bhala l-artikolu li tahtu setghet tinstab htija. Fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Mark Mizzi"** [35] [11.5.2006] il-Qorti qalet hekk :-

*"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b'artikoli ohra tal-ligi, senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli**<u>, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.</u>***

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta'*

[35] Liema decizjoni kienet abbracjata mill-Imhallef Joe Galea Debono fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Valentine Sciberras deciza fil-11 ta' Jannar 2007 – Appell Nru. 244/06

*hsara bi* ***spluzzjoni*** *doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel* ***sustanza esplussiva*** *(art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi* ***mezz letali*** *u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred* ***materjal nukleari*** *li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti* ***n-nar*** *jew b'xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq*** *(art. 316); dak ta' min volontarjament* ***jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc.*** *(art. 317); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b'mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa*** *(art. 318) dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili****, ecc. (art. 319); dak ta'* ***espluzzjoni ta' mina*** *(art. 320); dawk ta'* ***wiri ta' dwal foloz*** *b'perikolu ghan-navigazzjoni u* ***qtugh ta' ktajjen*** *(art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-*

*"(1) Kull min, **<u>B'MEZZI XORT'OHRA MINN DAWK</u>** <u>IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU</u> , volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b'success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b'mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*"Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li **ta nar** lill-**bini jew dar t'abitazzjoni** w b'hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b'xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b'reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f'dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*"…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort'ohra" imsemmija fl-artikolu 325 ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b'artikoli ohra "ad hoc"."*

Il-Qorti ssostni li biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' <u>xi mezz iehor</u> mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq fuq il-propjeta' tal-*parte civile*, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318.

**IL-"MISTIEDNA" U L-ORDNI PUBBLIKU**

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza taghha tas-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Meriam Abdussalam Mouaddea** u ttenni li min ikun f'pajjizna bhala mistieden, hux ghall-vaganza, ghan-negozju, ghax-xoghol, ghall-istudju, biex jibni relazzjoni jew jekk persuna jinghata xi forma ta' protezzjoni ghandu jimxi b'mod strett mal-ligijiet ta' pajjizna.

Huma l-minoranza assoluta tal-"mistiedna" fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta' pajjizna. ***Patti chiari, amicizia lunga***. Nilqghuk fostna u nkomplu nibnu r-reputazzjoni madwar id-dinja fejn dan il-poplu naghtha certifikat "***wrewna qalb tajba li ma bhalha***"[36], izda trid tirrispetta l-ligijiet ta' pajjizna. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja

[36] Atti 28:2

ezemplari. Il-Qorti theggeg lill-awtoritajiet biex ma jibqux cassi quddiem sitwazzjonijiet bhal dawn u juzaw il-poter li taghtihom il-ligi fl-ambitu tat-trattati internazzjonali u ma jiddejqux jiehdu passi inkluz li dawk li jaghmlu reati gravi f'pajjizna u joholqu alarm bla bzonn fost il-popolazzjoni ta' dawn il-gzejjer jitkeccew minn pajjizna.

Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni f'Artikolu 5 jiddefenixxi min huma l-immigranti "projbiti":

**5.** *(1) Kull persuna, li tkun waħda li ma jkollhiex id-dritt ta' dħul, jew ta' dħul u residenza, jew ta' moviment jew transitu taħt it-Taqsimiet preċedenti, tista' tiġi rifjutata milli tidħol, u jekk hija tiżbarka jew tkun qegħda f'Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit.*

*(2) Anke jekk tkun niżlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jew tkun ingħatat permess għal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx eżentata taħt dan l-Att minn xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli speċjali taħt id-disposizzjonijet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll -*

(a) *jekk ma tkunx tista' turi illi għandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lid-dipendenti tagħha (jekk ikollha) jew jekk ikun hemm probabbiltà li hi jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha ser ikunu ta' spiża għal kariga tal-fond pubbliku; jew*
(b) *jekk tkun tbati minn diżordni mentali jew tkun*

*mentalment deficjenti; jew*

(ċ) *jekk, meta tkun nizlet l-art f'Malta skont jew taħt xi regolament magħmul bis-saħħa tal-artikoli 44 u/jew 50 tal-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, tkun għada f'Malta wara li jgħaddu ħmistax-il jum mill-jum li fih is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jkun iċċertifika bil-miktub illi l-permanenza ta' dik il-persuna f'Malta mhix izjed meħtieġa skont u għall-iskop ta' dawk ir-regolamenti; jew*

(d) *jekk tinstab ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali f'Malta ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni jew tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi jew ta' xi delitt, minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna, li fil-każ tal-ewwel delitt ikun kommess minn dik il-persuna suġġett għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena jew, fil-każ tat-tieni delitt jew delitt sussegwenti kommess mill-istess persuna, ikun suġġett għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur; jew*

(e) *jekk tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew*

(f) *jekk ma tħarisx jew ma tibqax tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet, inkluża kondizzjoni mifhuma, li taħthom tkun ingħatat permess li tinżel l-art jew li tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew tkun ingħatat permess għal residenza; jew*

(g) *jekk xi ċirkostanza li wasslet għall-għoti ta' permess biex tinżel l-art jew biex tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza, ma tibqax teżisti; jew*

(h) *jekk dik il-persuna tkun prostituta; jew*

(i) *jekk tkun dipendenti ta' persuna li hija immigrant projbit skont xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni. Bla dubju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-

imputat;  dawn huma reati gravissimi li seta' kellhom konsegwenzi ferm aktar gravi minn dawk li fil-fatt kellhom.

Fis-socjeta' taghna qeghdin naraw sitwazzjonijiet fejn jibdew relazzjonijiet hafna drabi mibnija fuq ir-ramel jew permezz tas-*social networking* u meta dawn ifallu jkun hemm min ma jaccettax li f'dawn it-tip ta' relazzjonijiet ikun hemm *expiry date*.  Qeghdin naraw kazijiet fejn ex mahbubin jibqghu isegwu lil wiehed jew lil ohra u jispiccaw jikkawzaw tensjoni u biza' fuq parti, bil-parti l-ohra jkollha tiffaccja l-konsegwenzi tal-gustizzja.

Il-Qorti ssostni li kulhadd ghandu japprezza u jifhem illi meta qieghed f'relazzjoni ma' xi hadd huwa ghandu jaccetta decizjonijiet li haddiehor jiehu.  Mhux sew illi jekk parti jew ohra fir-relazzjoni taghzel illi tixtieq tittermina r-relazzjoni tispicca f'sitwazzjoni bhal ma spiccat il-*parte civile* b'persuna tattakkaha b'sikkina u tispicca bir-residenza taghha mahruqa. Il-mod kif agixxa l-imputat huwa mod illi ma tista' tiggustifikah qatt.

Bhal ma kellha kull dritt jekk trid tidhol f'din ir-relazzjoni, daqstant iehor jekk tixtieq titterminaha.  L-ghemil tal-imputat twettaq precizament ghax l-imputat ried illi x-xewqa tal-*parte civile* li ttemm ir-relazzjoni ma titterminahiex minhabba biza', twerwir  li jista' jdahhal fiha, minhabba li qieghed ihoss jew jemmen illi jista' jgieghelha ccedi u tkompli anke kontra r-rieda taghha f'din ir-relazzjoni partikulari.

Jista' jkun illi r-reazzjonijiet tal-imputat kienu dovuti ghal ragunijiet emozzjonali jew diffikultajiet biex jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu,

jista' jkun li ghandu d-diffikultajiet li mbaghad donnhom gew ravvizati minn dawk il-feriti fuqu nnifsu, meta pprova illi jnehhi hajtu.

L-imputat huwa ta' periklu mhux biss ghal *parte civile* izda huwa ta' periklu ghas-socjeta taghna b'mod generali.

Il-Qorti se tibghat messagg illi din it-tip ta' vjolenza m'ghandha qatt tkun fl-ebda hin u fl-ebda mument accettata, kemm biex nibghatu messagg anke lil dawk in-nies li forsi qed isibu diffikulta biex johorgu minn relazzjoni minhabba illi forsi l-*partners* taghhom qeghdin jezercitaw influwenza fuqhom billi juzaw mezzi mhux leciti. Il-Qorti taghmilha cara li qualsiasi tip ta' vjolenza domestika ma tista' qatt tkun accettabli.

Illi tenut kont ta' dan u in konformita mat-taghlim tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar x'piena ghandha tigi moghtija f'kaz ta' vjolenza fizika l-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista' taghti hija dik ta' prigunerija effettiva.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi" [30.7.2004]**:-

> *"….. bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna, l-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat.</u> Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-*

*arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika".*

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tal-hames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-ghaxar (10) u t-tnax (12)-il imputazzjoni u minnhom tilliberah.

Wara li rat l-Artikoli 17(H), 41(1)(a), 86, 87(1)(C), 87(1)(h), 202(h)(v), 214, 217, 218(1)(a)(2), 222(1)(a), 249(1)(2)(3), 251(A)(1)(2)(4), 251B(1)(2) 251H(a)(b)(f)(g), 317(b) u 325(1)(a) tal-Kap 9 u Artikoli 6, 51(7), 55(a), 56 u 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-seba' (7) u tal-hdax (11)-il imputazzjoni.

U tikkundannah ghal piena ta' **sitt (6) snin prigunerija**.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring skont id-digriet hawn anness.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, u cioe' s-somma ta' tnax-il elf, sitt mija u wiehed u sittin euro u sittin centezmu (€12,661.60).[37]

[37] Dr. Donald Tabone €319.43 (fol 137A); Dr. Marisa Cassar €9,522.60 (fol 152); Dr. Mario Scerri €653.30 (fol 243); Dr. Daniel Vella €504.60 (fol 268); Perit Richard Aquilina €419.65 (fol 283); PC650 Justin Tabone €161.17 (fol 313); PC1525 Patrick Farrugia €577.11 (fol 330); PS586 Mario Azzopardi €124.64 (fol 461); Jonathan Mizzi €379.10 (fol 499A).

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sikkina esebita' fl-atti.

---

**Dr Joe Mifsud**

**Magistrat**